## *Tbajja' tax-Xemx u Stejjer Oħra għad-Dell*

## Rita Saliba

### Excerpt in Maltese

<u>Tbajja' tax-Xemx</u>

Il-ġuvni kien jerfgħalhom l-aħħar żewġ siġġijiet tar-ringiela. Ma jiftakarx kemm kienu ilhom jiġu hawn f'dil-bajja, f'dal- post riservat bid-dell tal-umbrelel jinkera għal ftit sigħat. Iżda Martha u Janie kienu ilhom jiġu f'dal-post għal aktar minn erbgħin sena.

Omm Janie kienet kuntenta li bintha kienet qed tagħmilha ma' Martha, xebba bil-għaqal, għalliema fl-iskola tar-raħal. Setgħet tieħu xi ħaġa ta' ġid mingħandha. Illum Janie tagħlaq tnejn u sebgħin. Martha erba' snin akbar minnha. Kienet l-aktar waħda b'saħħitha minnhom it-tnejn.

Iż-żewġ nisa jinżlu jgħumu kmieni. Minn dejjem ħabbew ix-xemx minkejja t-twissijiet. Il-ġilda tkemmxitilhom u tbajja' skuri tax-xemx feġġew mal-medda tas-snin. Iżda xejn ma dejquhom. Fakkruhom fi sjuf ħeddiela, lura fis-snin meta kienu jqattgħu ġranet jitbasktu fir-raġġi qliel, fuq xugaman. Qadfa waħda ħdejn xulxin. Rashom barra mill-ilma. Janie tiddejjaq ixxarrab rasha. Xagħar Martha kien abjad folt. Janie titla' tistrieħ. Qalbha tegħja malajr.

Martha tirranġalha l-imħadda. Terġa' tinżel tgħum. Tofroq l-ilma bil-pali ta' jdejha. Tħares lejn is-sider tal-lemin imdendel. L-ieħor m'għadux hemm. Neħħewhulha għaxar snin ilu. M'għadhiex tfittex il-perfezzjoni. Ġisimha mqadded bil-kimoterapija jogħġobha kif inhu. Xagħarha ma tilfitux. Togħdos. In-nifs kien għadu jtiha. U man-nifs 'il barra taħt l-ilma, fejn ma tismagħhiex Janie, tgħajjat bl-uġigħ. Titlob li dan ma jkunx l-aħħar sajf li tqatta' mal-maħbuba tagħha, iħarsu lejn ix-xemx nieżla fil-baħar.

Dawn l-Idejn

Xi darba nagħmel funeral għal idejja. Mhux illum, mhux għada, imma nħossha ġo għadmi li ż-żmien mhux ’il bogħod wisq.

Idejja qed imutu mewta siekta, bil-mod. Niftakar, ġieli bkejt bl-uġigħ; meta jdejja kienu għodod b’saħħithom, jaqduni nġorr kull tagħbija u kont nibqa’ nagħsar bihom. Il- ġilda ta’ fuqhom inħossha tinxef ma’ kull jum li jgħaddi. Kull sbieħ il-jum iqarreb lejn it-tmiem. Illejla nerġa’ nipprattika l-eloġju għalihom, bħalma kont qed nagħmel f’dawn l-iljieli bla rqad. Ippruvajt niktbu, l-ewwel b’idi tal-lemin; u meta ma qditnix, ippruvajt bix-xellug. Iġġammjaw, dawru s-swaba’ ’l ġewwa. Riedu jpattuli ta’ kemm kiddejthom. Ħassejt uġigħ li tilifni minn sensija. Meta stejqirt ittawwalt lejn idejja. Dehru mistrieħa donnhom wara battalja mirbuħa.

Immur għat-terapija, fi klinika speċjalizzata għall-uġigħ tal-idejn. Nipprova nrażżan idejja milli jistiraw is-swaba’. Norbot dirgħajja fuq xulxin b’subgħajja magħqudin f’ponn. Idejja jridu jinfirdu minn miegħi. Inrażżan ir-rogħda kif nista’. Inħoss l-għadam jibbies u n-nervituri jisparaw xrar jaħraq sa minkbejja. Il-muskoli ta’ dirgħajja nħosshom miġbudin bħal- lakstu ta’ qalziet ta’ taħt qadim. Hemm bżonn neħles minn idejja qabel nitlef dirgħajja wkoll.

La mmur lura d-dar inkebbibhom f’kutra ratba, nigref fil- ħamrija bil-pali ta’ saqajja sakemm nagħmel ħofra. Indeffes idejja ġo fiha u nrażżan id-dmugħ milli jġelben ma’ ħaddejja. Ma nagħtihomx l-aħħar gost li fadlilhom … li bħal f’tellieqa bejniethom, jitilgħu m’għajnejja jimsħu l-imluħa.

Amnesija

“Tal-ġenn!”

It-tfajla messet ix-xena mill-film *Avatar*, impittra fuq sider il-ġuvni. Seħibhom deher nervuż, hu u jifli l-kuluri fuq il-ġilda. “Ejja, Tommy! Int imiss!” Kixfet spallitha b’tattoo ta’ rixa. Tal- Avatar mellsilha l-ġilda, b’idu nieżla xi ftit aktar ’l isfel. It-tfajla mbuttatu tidħaq. Tommy daħaq imqanżaħ. It-tliet żgħażagħ qatt ma rajthom f’dal-ħanut tax-xorb li writt mingħand missieri. Bżajt

li jnaffruli l-ftit parruċċani li jiġu siegħa filgħaxija, għall-wens. “Imma tweġġa’?” staqsa Tommy. It-tnejn l-oħra nfaqgħu jidħqu.

“Issa ngħidlek kif ma tweġġax,” qallu tal-Avatar, “tal-bar, ġibilna ieħor! U agħmel wieħed għalik!”

Għedtlu li ma nixrobx fuq ix-xogħol. Ridthom ifittxu jitilquli ’l barra. It-tfajla għoxiet bil-ħlieqa li fesfsilha f’widintha.

Sabbattilhom it-tazzi fuq il-mejda. Fakkarthom li kienu xorbu biżżejjed.

“U tibżax sieħbi! Dan ara, għandu bżonn jixrob,” qalli tal- Avatar hu u jipponta lejn Tommy. “Se jagħmel tattoo!”

Tommy niżżel il-whisky f’nifs u qam l-ewwel wieħed. Sħabu qamu jitbandlu warajh. Huma u ħerġin, tal-Avatar ħabat mal-mejda tar-rokna fejn jintasab Matti.

“Ġej magħna, nann, tagħmel tattoo?”

It-tfajla ġibdet lil tal-Avatar, tidħaq u tixxengel. Kif ħarġu rsaqt lejn Matti. Weżintu minn taħt abtu.

“Mur inġabar Matt! Għal-lum xrobt biżżejjed.” Għentu jilbes il-ġakketta; ilmaħtlu t-tattoo fuq driegħu, imkemmxa, iżda għadha tinqara: *Anna - Mattew - 15 ta’ Awwissu 1960.*

Ili s-snin naf li Matti jiġi hawn biex jinsa dik it-tattoo.